MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 433/2014

**Walid Abdulmonem Mohamed Khalil**

**Vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

It-Tlieta, 16 ta' Dicembru 2014.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-19 ta' Mejju 2014 l-attur ippremetta:-

*1. Illi r-rikorrent twieled fl-isptar ta' Santa Katerina, Attard, Malta, nhar is-sebgha (7) ta' Marzu, 1978, hekk kif jixhed ic-certifikat tat-twelid tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A1';*

*2. Illi, minhabba nuqqas ta' ftehim, isem u kunjom ir-rikorrent fuq ic-certifikat tat-twelid surriferit gie mnizzel bhala Walid Abdulmonem Mohamed minflok Walid Abdulmoneam Mohamed Khalil Lagha, kif suppost;*

*3. Illi dan l-izball jidher li huwa wiehed genwin stante li c-certifikat jindika li missier ir-rikkorenti huwa Abdulmonem Mohamed Khalil mentri fil-fatt missier ir-rikorrenti huwa Abdulmunaim Mohamed Lagha;*

*4. Illi jidher li meta saret id-dikjarazzjoni kien hemm nuqqas ta' ftehim fir-rigward tal-kunjom tal-familja tar-rikorrenti;*

*5. Illi Lagha huwa l-kunjom tal-familja tar-rikorrent;*

*6. Illi c-certifikat taz-zwieg civili li r-rikkorrent attwa ma' martu Khadija Ramadan Muftah Eswili nhar is-26 ta' Settembru, 2009, mahrug mir-Registru Civili ta' Abu Sleem fil-Libya, kopja ta' liema certifikat qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A2' jixhed li kunjom il-missier u l-omm tar-rikorrent huwa fil-fatt Lagha;*
*7. Illi fuq c-certifikat ta' gradwazzjoni tar-rikorrent mahrug mill-Universita ta' Al Fateh fil-Libya u datat 25 ta' Lulju, 2007, isem u kunjom ir-rikorrent jidher bhala Walid Abdulmoneam Moh. Khalil Lagha; (Ara Dok 'A3')*

*8. Illi isem u kunjom ir-rikorrent hekk kif imnizzel fuq il-passaport Libjan tieghu, kopja ta' liema passaport qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A4', huwa dak ta' Walid Abdulmunaim M. Lagha u mhux dak imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid u cioé Walid Abdulmonem Mohamed;*

*9. Illi fuq ic-certifikati tat-twelid tat-tfal tar-rikorrent, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A5', isem u kunjom ir-rikorrent bhala l-missier huwa mnizzel bhala Walid Lagha;*

10. *Illi fuq ic-certifikati tat-twelid tat-tfal tar-rikorrent surriferiti, il-kunjom tat-tfal huwa mnizzel ukoll bhala Lagha.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin numru 1405/1978 hemm erronjament imnizzel 'Khalil' bhala kunjom il-missier minflok 'Lagha';*

*2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid hawn fuq inidkat billi fil-kolonna fejn hemm indikat kunjom il-missier jitnizzel il-kunjom 'Lagha' minflok 'Khalil';*

*3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaffetwa l-bdil li jsir fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 1405/1978 f'kull att ta' stat civili ta' l-istess rikorrent u cioé fl-att tat-twelid ta' ibnu bin-numru 4164/2013, fl-att tat-twelid ta' bintu bin-numru 4163/2013 u fl-att taz-zwieg tieghu bin-numru.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa gja ngunt in subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fis-17 ta' Gunju 2014, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*2. Illi l-esponent jirrileva li d-dikjarant fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent (anness u immarkat bhala Dok. A) jirrizulta li kien missier ir-rikorrent stess u cioe` "Abdulmonem Mohamed Khalil". Fuq l-att tat-twelid huwa iddikjara li ismu kien Abdulmonem Mohamed u li kunjomu kien Khalil. Huwa iddikjara ukoll li kunjom missieru kien Khalil. Ghalhekk jekk il-kunjom proprju tieghu kien 'Lagha' huwa kellu kull opportunita` li jiddikjara bhala dikjarant fuq l-att tat-twelid ta` ibnu li kunjomu huwa 'Lagha' madankollu ma jirrizultax li sar hekk. Jirrizulta wkoll li missier ir-rikorrent iffirma l-att tat-twelid bhala 'Abdulmonem Mohamed Khalil'. Jekk missier ir-rikorrent kellu xi problema b`dawn id-dettalji kif gew inseriti fl-att huwa dejjem seta` joggezzjona izda jidher li hu accettahom ghaliex sahansitra iffirma l-att. Dan l-allegat zball ilu minn dejjem fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent u hija stramba kif proprju issa wara sitta u tletin (36) sena tqajjem dan il-punt.*

*3. Illi fir-rigward tal-atti tat-twelid ta` ulied ir-rikorrent, l-esponent jirrileva li kunjom ir-rikorrent qieghed indikat bhala 'Lagha' ghaliex uliedu twieldu il-Libya, saru cittadini Maltin u ghalhekk ir-registrazzjoni tat-twelid taghhom saret abbazi tal-artikolu 244 tal-Kap 16. Ai termini ta` dan l-artikolu ir-registrazzjoni li ssir hija tal-att tat-twelid innifsu u b`hekk l-informazzjoni kif tkun imnizzla fuq l-att tat-twelid barrani tigi imnizzla fedelment fuq l-att tat-twelid Malti. Jidher li skond l-att tat-twelid li sar il-Libya, il-kunjom tar-rikorrent qieghed indikat bhala "Lagha" u hawn Malta gie imnizzel hekk ukoll.*

*4. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-esponent jemmen li din m`ghandiex tintlaqa` ghas-semplici raguni li kunjom ir-rikorrent diga` qieghed indikat bhala "Lagha" u per konsegwenza anki t-tfal tieghu hadu l-kunjom "Lagha" ghalhekk ma hemm xejn li jrid jigi ikkoregut fl- atti imsemmija.*

*5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jigi inġunt in subizzjoni.*

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-att tat-twelid tieghu numru 1405/1978 u ta' wliedu (4163/2013 u 4164/2013) jigi korrett fis-sens li l-kunjom ta' missieru Khalil jinbidel ghal Lagha.

Il-qorti rat l-avviz li giet ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Novembru 2014.

Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014 xehed l-attur fejn spjega li:

- missieru jismu Abdul Monem Mohamed Khalil;
- hu twield f'Malta u ghandu c-cittadinanza Maltija;
- kien sar jaf bl-izball li hemm fic-certifikat tat-twelid tieghu, sitt snin ilu meta kien ser jizzewweg fil-Libja;
- kunjom missieru m'huwiex Khalil u dan il-kunjom ma jezistix fil-kunjom tal-familja paterna tieghu;
- kunjom il-familja paterna huwa Lagha;
- Ghalkemm uliedu ma twieldux Malta pero gew registrati f'Malta bil-kunjom Lagha.

Mid-dokumenti esebiti mill-attur jidher li l-verzjoni tal-attur ghandha mis-sewwa. Mill-passaport ta' missier l-attur hu evidenti li l-kunjom hu Lagha. Khalil m'huwiex kunjom izda wiehed mill-ismijiet ta' missier l-attur (ara kopja tal-passaport a fol. 7) u tal-istess attur (ara dokument a fol. 11). Fl-affidavit l-attur qal:-

*"Upon my birth, because of a misunderstanding at the above hospital, my name and surname on the birth certificate were erroneously entered as Walid Abdulmonem Mohamed Khalil instead of Walid Abdulmonem Mohamed Khalil Lagha"* (fol. 33).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-attur u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens li**

**kunjom l-attur ikun jaqra 'Lagha'. B'riferenza ghall-ahhar talba ma jidhirx li hemm bzonn li jinghata xi provvediment ghaliex mic-certifikati tat-twelid li pprezenta l-attur (fol. 31-32) kunjom uliedu hu mnizzel bhala Lagha u l-istess kunjom l-attur.**

**Spejjez a karigu tal-attur gialadarba m'hemmx prova li l-konvenut kien responsabbli ghall-izball li sar**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------